MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Numru. 145/2008

**Drogi 145/2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J Gatt)**

**Versus**

**Yassin Mohamed.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Yassin Mohamed ta’ 25 sena iben Mohamed u Hamida Dariga imwieled l-Etijopja fl-1983 u joqgħod il-Marsa Open Centre, Marsa li għandu numru personal ital-Immigrazzjoni 06AAA-002

Akkużat talli fl-20 ta’ Lulju, 2008 ġewwa San Ġiljan

a) **Ipproduċa, biegħ, jew xort'oħra ttraffika** fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan ai termini tal-artikolu 8(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta **liema reat sar ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola klabb jew ċentur taż-żgħażagħ jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ;**

b) Talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi u xhar qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan ai termini tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet taħt ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu: liema reat sar ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ ;**

ċ) U nakkuzah ukoll talli fil-5 ta' Ġunju 2008 huwa ħarab mill-kustodja ta' persuni
inkarigati mill-kustodja tiegħu fejn kien jinżamm skond il-Liġi, liema lok huwa maħtur għall-kustodja tiegħu u dan ai termini tal-artikoli 151, 152, 160 rispettivament tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ħtija tapplika wkoll l-artikolu 533 tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2008, il-kunsens kemm tal-Avukat Ġenerali u kif ukoll dak tal-imputat (fol 8, 9 u 16) sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrija tal-imputat, ir-relazzjoni ta' PC 1253 Fredericl Brincart, il-current incident report (fol 44), il-proċes verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera, il-konferma tal-esperti maħtura fl-inkjesta, ix-xhieda ġuramentata minn Juma Abdalla El Magrus, id-dokument MS a fol.57 u r-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Xhieda Prosekuzzjoni

**Il-Fatti fil-qosor.**

5. Waqt li l-Pulizija kienu qed jagħmlu patrol ġewwa Triq Wilga Paceville, waqqfu żewġt irġiel. Huma raw lill-imputat, li kien fuq in-naħa tal-passiġġier tal-karozza, jarmi xi ħaġa taħt il-karozza. L-istess għamel dak li deher bħala x-xufier tal-karozza. Meta l-Pulizija fittxet taħt il-karozza sabet faxx li jidher li kien resina tal-cannabis. Kien hemm madwar 20 stikka. In-naħa tax-xufier sabu joint tal-cannabis. Fuq l-imputat instab 200 Ewro. 'Ix-xufier' ammetta mal-Pulizija li kien rema joint li kien tah l-imputat u li barmu l-istess imputat. Dan ix-xufier kien xtara biċċa reżina tal-cannabis li kienet swietu 5 Ewros. Huwa kien ta karta ta' għaxar Ewros u l-imputat kien tah ħamsa bqija. Mal-flus li kellu l-imputat instabet karta ta' ħames Ewros. L-imputat innega li l-faxx kien tiegħu u qal biss li kienu qed ipejpju. L-imputat kien ħarab mil-Lister Barracks ta' Ħal-Far fil-5 ta' Ġunu 2008. (Fol.23). Dan kien ammettieh mal-Ispettur. (Fol.23). F'Paceville, fejn instab l-imputat, imorru ħafna żgħażagħ.

6. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat innega li kien rema xi ħaġa. (Fol.27). Huwa ammetta li l-pakkett tas-sigaretti li kien fih biċċa cannabis resin u tletin Ewro. Fil-wallet kien hemm 200 Ewro. Il-mitejn Ewro kienu ingħatawlu bi kreditu.Huwa kien ser ipejjep ir-reżina u kien pejjep darbtejn matul l-aħħar xahrejn. Huwa nnega li kien ta xi biċċa resin lix-'xufier'. Huwa nnega wkoll li l-faxx stikki kienu tiegħu. Huwa ammetta li kien ħarab mil-Lister Barracks. (Fol28).

7. Xehed PC 1253 Frederick Brincat li fuq inkarigu waqt l-inkjesta kellu żewġ envelopes li kellu jieħu xi ritratti tagħhom. Huwa ġibed 15-il ritratt.

8. PC 533 Paul Sheehan xehed li kien mar fuq l-imputat u sablu biċċa raża. Meta l-imputat qam, waqgħet ħaġa bajda fl-art li kienet mimlija bir-raża. Fil-pakkett l-imputat kellu teltin Ewro. (Fol.31). Ix-xufier kellu joint f'idejh u remieh mal-ewwel.

9. PC 220 Lawrence Cardona ikkonferma dak li xehed PC 533 Paul Sheehan (Fol.35, 36, 37).

10. PC 323 Cedric Buhagiar xehed li l-imputat ikkonferma li l-pakkett tas-sigaretti kien tiegħu.

11. PS 1207 Robert Said xehed li x'ħin wasal ħdejn il-karozza innota li kien hemm xi ħaġa mal-art ħdejn it-tyre tal-karozza. Din kienet biċċa raża tal-cannabis li kienet in-naħa tal-passiġġier.

12. Xehed Giuma el Magrius Abdallah (fol.46) li qal li l-imputat kien poġġa ħdejh fil-karozza u għamel joint. L-imputat qabbad il-joint u tah minnu. Qallu li kien jiswa 5 Ewro. Kien tahulu għax kien hemm il-Pulizija u hu (ix-xhud) kien remieh min-naħa tiegħu. Huwa kien tah 5 Ewro għax kien tah id-droga. Ix-xhud kien għamilha fil-pakkett tas-sigaretti tiegħu.

13. Fix-xhieda ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti x-xhud kien stqarr li l-imputat kien daħal fil-karozza tiegħu u baram joint. Ix-xhud qal lie kien ħallsu 5 Ewro. Fil-qalziet kienu sbuhulu pakkett tas-sigaretti li fih kien hemm biċċa ħaxixa. Huwa qatt ma kien pejjep ħaxixa.

14. Is-Surġent Marco Sayan xehed li l-imputat ma kienx instab f'Lister Barracks Detention Centre fil-5 ta' Ġunju 2008.

15. L-Ispiżjar Mario Mifsud ikkonferma li l-21 stick kellhom 19.83 grammi ta' THC.

**Xhieda Difiża**

16. L-Ispettur Stephen J Gatt imtella’ in kontro-eżami kkonferma li l-imputat għandu fedina nadifa. Huwa kien akkuża lill-imputat bi traffikar minħabba li kien biegħ il-cannabis għall-prezz ta’ 10 Ewros. Fuq in-naħa ta’ fejn kien hemm l-imputat instabu 21 stikka.

17. Abdalla Juma El Magrus in kontra eżami li hu kien fil-karozza tiegħu u kkonferma li l-imputat kien tah biċċa żgħira. Huwa nnega li kien offra d-droga lill-imputat. (Fol 73). Qabel kienu waslu l-Pulizija forsi kienu ilhom jitkellmu madwar nofs siegħa jew kwarta. Huwa reġa’ kkonferma li l-imputat kien tah €5.

18. L-imputat ikkonferma bil-ġurament l-istqarrija li kien għamel fil-kwartieri tal-Pulizija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

19. Ikkonsidrat li mix-xhieda ta’ PC 533 Paul Sheehan, jirriżulta b’mod l-aktar ċar li l-21 stikka waqgħu minn għand l-imputat u minn għand ħadd aktar. Il-Qorti temmen il-verżjoni li ta dan ix-xhud u mhux lill-imputat li għażel li jinnega li dawn kienu tiegħu.

20.Ix-xhud tal-Prosekuzzjoni kien qrib ta’ dak kollu li kien qed jiġri u seta’ jara x’qed jaqa’ jew ma jaqax meta qam l-imputat.

21. Il-Qorti hija konvinta wkoll li l-imputat biegħ id-droga lil Abdalla Juma El Magrus li mhux biss ta x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti iżda baqa’ jżomm l-istess verżjoni kemm quddiem il-Qorti waqt l-eżami kif ukoll waqt il-kontro-eżami. Ix-xhieda li ta dan ix-xhud hija ħafna aktar konvinċenti mill-istqarrija li ta l-imputat ukoll jekk dan tal-aħħar ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament. Din mhix kwistjoni li għax l-istqarrijiet huma t-tnejn ġuramentati allura hemm konflitt fil-provi. Il-Qorti, sakemm huwa possibbli, hija tenuta li tgħarbel biex ikun stabblit minn qal il-verita’. Il-Qorti m’għandhiex dubju li kien l-impjutat li bih id-droga u ta’ dan ħa l-ħlas tagħha.

22. Il-Qorti hija konvinta wkoll li 21 stikka tal-cannabis li kienu jiżnu 19.83 grammi, misjuba f'post pubbliku waqt li l-imputat kien qed jittraffika l-cannabis kollha jindikaw li l-imputat huwa ħati ta' pussess aggravat għaliex jidher b'mod l-aktar ċar li r-raża tal-cannabis ma kinitx intiża għalih.

23. Lanqas m'hemm dubju li dan it-traffikar u dan il-pussess aggravat seħħu f'Paceville għaliex il-post issemma minn diversi xhieda. M'hemmx għalfejn ta' xi prova speċjali ta' affarijiet li jafhom kulħadd. Bħalma kulħadd jaf minn fejn titla' u tinżel ix-xemx, kulħadd jaf li Paceville huwa post li jiġbed ħafna żgħażagħ. Isegwi lid an l-aggravju kien ippruvat ukoll.

24. Dwar il-ħarba mil-Lister Barracks, din kienet ammessa kemm mill-imputat innifsu fl-istqarrija kif ukoll kienet ippruvata mix-xhieda tas-surġent Marco Sayan.

25. Għaldaqstant, il-Prosekuzzjoni ppruvat it-tliet imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat bl-aggravji li jidhru fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

## Konklużjoni

25. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(b), 22(1)(a),22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u l-proviso dwar id-distanza, li jidher bħala t-tieni wieħed wara l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii), kollha tal-Kap 101, kif ukoll l-artikoli 151, 152 u 160 tal-Kap 9, issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih u bl-aggravji li jidhru fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni b'dan pero' li, ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, it-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda waqt li t-tielet imputazzjoni ta' ħarba qed tkun kkonsidrata bħala waħda 'sempliċi'.

26. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra l-fedina penali nadifa tal-imputat, l-ammont li kien mibjugħ li ma kienx wisq, u l-ammont li nstab fuq l-imputat li ma kienx ftit. Qieset ukoll dan kollu sar f'post fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli diġa' msemmija, kif ukoll l-artikoli 17(b) u 31 tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-

imputat għall-piena ta’ priġunerija ta’ għaxar xhur kif ukoll għall-ħlas ta’ multa ta’ €500 liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ €100 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk din il-multa ma titħallasx, din tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

27. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas (75.65 + 459.03) jiġifieri €534.68 bħala ħlas ta’ l-esperti u jekk ma jitħallsux fi żmien xahar dawn jinbidlu f’45 jum priġunerija oħra.

28. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

29. Miż-żmien ta’ priġunerija għandu jitnaqqas iż-żmien kollu li l-imputat għadda taħt arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------